MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 338/2012

**THE WATERFRONT HOTEL LIMITED** (C-22209)

vs

Antonio **PATANE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-2 ta' April 2012, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlettax-il elf, seba' mija u tnejn u erbgħin euro u tmienja u erbghin ċenteżmi (€13,742.48) li tirrappreżenta ħlas ta'

kera għal ‘*floor space’* fil-lukanda mmexxija mill-istess kumpannija attriċi skond ftehim bid-data tal-1 ta’ Lulju, 2009, għaż-żmien bejn Ottubru tal-2010 u Diċembru tal-2011.

Talbet wkoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimat bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li naqas li jidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqa’ kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta’ attriċi waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta’ l-intimat tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjeta’ attriċi** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa’ it-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ tlettax-il elf seba’ mija u tnejn u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċentezmi (€13,742.48) flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq dik is-somma, rappreżentanti l-arretrati ta’ kera mhux imħallsa kif fuq ingħad, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-14 ta’ Frar, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------